



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.5.2015  
COM(2015) 204 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-indikazzjoni obligatorja tal-pajjiż ta' orġini jew tal-post ta' provenjenza ta'  
ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjent uniku u ta' ingredjenti li  
jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel**

## WERREJ

1.	Introduzzjoni .....	3
2.	It-tikkettar obligatorju u volontarju.....	4
3.	Id-definizzjonijiet tal-ikel ikkonċernat.....	4
4.	Ħarsa ġenerali lejn is-settur u l-katina tal-provvista .....	5
4.1.	Ħarsa ġenerali lejn is-settur tal-ikel tal-UE.....	5
4.2.	Ħarsa ġenerali lejn il-katina tal-provvista għall-produzzjoni tal-ikel .....	5
4.3.	L-użu tat-tikkettar volontarju tal-orìġini u l-iskemi ta' kwalità tal-UE .....	5
5.	L-attitudni tal-konsumaturi lejn l-informazzjoni dwar l-orìġini tal-ikel .....	6
6.	Ix-xenarji u l-modalitajiet tal-orìġini possibbli marbuta mal-ġhoti tat-tikkettar tal-orìġini ta' ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjenti uniku u ta' ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel.....	7
7.	Analiżi tal-kostijiet u l-benefiċċji tax-xenarji differenti .....	7
7.1.	L-impatt marbut mal-imġiba tal-konsumaturi.....	7
7.2.	L-impatti ekonomiċi.....	8
7.2.1.	Il-kostijiet tal-operat tal-FBO.....	8
7.2.2.	L-impatt fuq is-suq intern u fuq il-kummerċ internazzjonali.....	9
7.2.3.	Il-piż amministrattiv fuq in-negozji .....	9
7.2.4.	Il-piż addizzjonali fuq l-awtoritajiet pubbliċi .....	9
7.2.5.	Il-kostijiet għall-konsumaturi.....	10
7.2.6.	L-impatt ambjentali .....	10
7.3.	Il-kostijiet u l-benefiċċji tax-xenarji differenti.....	10
8.	Il-konklużjonijiet.....	12

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

**dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza ta' ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjent uniku u ta' ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 26(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem, "ir-Regolament FIC")<sup>1</sup> jeħtieġ li l-Kummissjoni tressaq sensiela ta' rapporti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-possibbiltà li t-tikkettar obbligatorju tal-oriġini jiġi estiż għall-kategoriji tal-ikel li ġejjin:

- (a) it-tipi ta' laħam għajr il-laħam taċ-ċanga, tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur;
- (b) il-ħalib;
- (c) il-ħalib użat bħala ingredjent fi prodotti tal-ħalib;
- (d) l-ikel mhux ipproċessat;
- (e) il-prodotti b'ingredjent uniku;
- (f) l-ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel.

Dan ir-rapport ikopri l-ikel mhux ipproċessat, il-prodotti b'ingredjent uniku, u l-ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel.

B'segwitu tal-Artikolu 26(7) tar-Regolament FIC, ir-rapport għandu janalizza:

- il-ħtieġa li l-konsumatur ikun infurmat;
- il-fattibbiltà ta' dan it-tikkettar; kif ukoll
- il-kostijiet u l-benefiċċji tal-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri, inkluż l-impatt legali fuq is-suq intern u l-impatt fuq il-kummerċ internazzjonali.

Dan ir-rapport huwa msejjes prinċipalment fuq ir-riżultati ta' studju estern ikkummissjonat mid-DĠ SANTE u mwettaq mill-Konsorzju tal-Evalwazzjoni tal-Katina tal-Ikel (FCEC),<sup>2</sup> li kien jinkludi sħarriġiet u studji tal-każ dwar il-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18).

<sup>2</sup> L-istudju dwar l-indikazzjoni obbligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza ta' ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjent uniku u ta' ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta'

konsumaturi, l-operaturi fin-negozju tal-ikel (FBO) u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, iżda wkoll dwar sorsi oħra disponibbli għal dan is-suġġett.

Id-DĠ GROW wettaq test dwar l-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) u r-riżultati huma inkorporati fl-istudju tal-FCEC.

## 2. IT-TIKKETTAR OBBLIGATORJU U VOLONTARJU

Bħalissa jeżistu regoli obbligatorji dwar it-tikkettar tal-orġini għal bosta setturi, bħalma huma l-għasel<sup>3</sup>, il-frott u l-ħaxix<sup>4</sup>, il-ħut<sup>5</sup> (mhux il-prodotti tal-ħut bħall-ħut ippreparat jew ippreservat), il-laħam taç-çanga jew il-prodotti tal-laħam taç-çanga<sup>6</sup>, iż-żejt taż-żebbuġa<sup>7</sup>, l-inbid<sup>8</sup>, il-bajd<sup>9</sup>, u l-laħam tat-tjur importat<sup>10</sup>.

Ir-Regolament FIC introduċa t-tikkettar obbligatorju tal-orġini għal laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur, u l-modalitajiet tiegħu ġew stipulati bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2013<sup>11</sup>.

Minbarra dawn ir-regoli dwar it-tikkettar obbligatorju tal-orġini, l-FBO huma liberi li jittikkettaw fuq inizjattiva tagħhom il-pajjiż jew ir-reġjun ta' orġini, sakemm jissodisfaw id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolament FIC.

---

prodott tal-ikel — Ir-rapport aħħari – Il-Konsorzju tal-Evalwazzjoni tal-Katina tal-Ikel (FCEC) – [http://ec.europa.eu/food/food/labellingnutrition/foodlabelling/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/food/food/labellingnutrition/foodlabelling/index_en.htm)

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat, ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1-163.

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU L 354, 28.12.2013, p. 1.

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-ifrat u dwar it-tikkettar tal-laħam taç-çanga u tal-prodotti tal-laħam taç-çanga, ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1.

<sup>7</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 29/2012 tat-13 ta' Jannar 2012 dwar l-istandards ta' marketing għaż-żejt taż-żebbuġa, ĠU L 12, 14.1.2012, p. 14-21.

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS).

<sup>9</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 589/2008 tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-termini tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li jikkonċerna n-normi tat-tqegħid fis-suq applikabbli għall-bajd, ĠU L 163, 24.6.2008, p. 6-23.

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 543/2008 tas-16 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam mal-istandards għat-tqegħid fis-suq tal-laħam tat-tjur, ĠU L 157, 17.6.2008, p. 46-87.

<sup>11</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1337/2013 tat-13 ta' Diċembru 2013 li jstipula r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-indikazzjoni tal-pajjiż ta' orġini jew tal-post ta' provenjenza għal laħam frisk, imkessaħ jew iffriżat tal-majjal, tan-nagħaġ, tal-mogħoż u tat-tjur, ĠU L 335, 14.12.2013, p. 19.

### **3. ID-DEFINIZZJONIJIET TAL-IKEL IKKONĊERNAT**

It-terminu 'ikel mhux ipproċessat' huwa definit fir-Regolament FIC u jfisser ikel li ma għaddiex minn ipproċessar, u jinkludi prodotti li nqas, infirdu, tqaċċtu, tqattgħu fi flieli, tneħħewlhom l-għadam, ġew ikkapuljati, tqaxxru, ġew mitħuna, tqattgħu, tnaddfu, traqqmu, tfesdu, ġew mitħuna f'mitħna, tkessħu, ġew iffriżati, ġew iffriżati bil-qawwi jew iddewbu. Pereżempju, id-dqiq, ir-ross u l-insalati tal-ħaxix aħdar imqatta' huma meqjusa bħala prodotti mhux ipproċessati.

Madankollu, ir-Regolament FIC ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' 'prodotti b'ingredjent uniku'. Għall-iskop ta' dan ir-rapport, dawn il-prodotti jinftehem bħala prodotti li fihom ingredjent wieħed biss jew materja prima waħda biss. Eżempji huma z-zokkor, il-purè tad-tadam, iż-żjut veġetali minn oriġini veġetali unika u ċ-ċips tal-friża, liema prodotti jkunu bla ebda addittiv jew melħ miżjud.

Barra minn hekk, ir-Regolament FIC ma jagħti l-ebda definizzjoni ta' 'l-ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel', u lanqas jistabilixxi għal xiex qiegħed jirreferi l-livell limitu ta' 50 % (volum, piż, eċċ.). L-ingredjenti li jaqgħu f'din il-kategorija jistgħu jkunu pereżempju t-tadam għaz-zalza tad-tadam, il-frott għall-meraqq tal-frott, id-dqiq fil-ħobż (is-settur tal-furnara).

### **4. ĦARSA ĠENERALI LEJN IS-SETTUR U L-KATINA TAL-PROVVISTA**

#### **4.1. Ħarsa ġenerali lejn is-settur tal-ikel tal-UE**

Is-settur tal-ikel u tax-xorb tal-UE għandu fatturat ta' EUR 1 048 biljun, jiġġenera valur miżjud ta' EUR 206 biljun u jimpjega 4,2 miljun persuna, u b'hekk huwa l-ikbar settur tal-manifattura u l-iktar settur li jimpjega nies fl-UE.

Hemm 286 000 kumpanija f'dan is-settur, li 99 % minnhom huma SME (inklużi l-mikroimpriżi).

#### **4.2. Ħarsa ġenerali lejn il-katina tal-provvista għall-produzzjoni tal-ikel**

L-FBO tal-UE jakkwistaw il-materja prima minn sorsi multipli fil-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ikel. Għall-prodotti bażiċi bħall-kafè u d-dqiq, is-sorsi differenti tal-materja prima huma meħtieġa sabiex tinżamm il-kwalità mixtieqa tal-prodott u sabiex jiġu evitati varjazzjonijiet minħabba l-istaġunalità. Il-prezz huwa wkoll parametru ewlieni u l-oriġini tal-materja prima ta' sikwit tiġi mibdula sabiex jitnaqqsu l-kostijiet. Skont l-istudju tal-FCEC, meta jintużaw sorsi multipli, 50 % tal-FBO jimmodifikaw l-oriġini tal-ingredjenti tagħhom tliet darbiet jew iktar fis-sena. Iktar ma tkun kumplessa u sofistikata l-katina tal-provvista, iktar ma jsir ta' piż it-tikkettar tal-oriġini.

Dwar it-traċċabbiltà, l-FBO għandhom ikunu jistgħu jidentifikaw il-fornituri u l-klijenti immedjati tagħhom, kif mitlub mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-

ikel<sup>12</sup>. Din it-traċċabbiltà ta' pass lura u pass 'il quddiem, is-soltu hija l-unika traċċabbiltà żgurata u 29 % biss tal-FBO jagħmlu iżjed milli jitlob dan ir-rekwiżit u jwaqqfu sistema iktar kompluta ta' traċċabbiltà.

#### **4.3. L-użu tat-tikkettar volontarju tal-orìgini u l-iskemi ta' kwalità tal-UE**

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati wriet li t-tikkettar volontarju tal-orìgini rarament intuża għas-setturi tal-ikel koperti minn dan ir-rapport. Meta jintużaw skemi bħal dawn, ikun biss għal parti żgħira tal-produzzjoni totali ta' prodott partikolari (pereżempju < 1 % tat-total tas-suq tal-kafè) u prinċipalment għas-segment ta' valur għoli. Il-prodotti bil-logo tal-iskema tal-kwalità tal-UE, bħal denominazzjoni protetta tal-orìgini (DPO), l-indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP), jew l-ispeċjalità tradizzjonali garantita (STG) mhumiex predominanti fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji tal-ikel fl-ambitu tar-rapport. Indikazzjonijiet bħal dawn mhux dejjem huma indikazzjonijiet dwar il-provenjenza tal-materja prima iżda jistgħu jkunu marbuta, pereżempju, mal-kompetenzi reġjonali u jkunu jirreferu għall-post tal-produzzjoni.

#### **5. L-ATTITUDNI TAL-KONSUMATURI LEJN L-INFORMAZZJONI DWAR L-ORIĠINI TAL-IKEL**

Ir-riċerka dwar il-konsumaturi turi li fost l-aspetti li jinfluwenzaw l-imġiba tal-konsumatur, it-tikkettar tal-orìgini jiġi wara fatturi bħall-prezz, it-togħma, id-dati "użu sa"/"l-aħjar qabel", il-konvenjenza u/jew id-dehra.

L-interess fit-tikkettar tal-orìgini jidher li ġeneralment ikun inqas għall-prodotti rilevanti għal dan l-istudju, iżda xorta jlaħħaq sa tliet kwarti tal-konsumaturi li wiegħbu fl-istudju tal-FCEC. Fl-istudju tal-FCEC, l-interess iddikjarat mill-konsumaturi għall-post tal-biedja jidher li huwa importanti daqs l-interess tagħhom għall-post tal-produzzjoni, iżda meta jintalbu jsemmu każijiet konkreti, il-konsumaturi jippreferu b'mod ċar l-informazzjoni marbuta mal-post tal-produzzjoni.

Maġġoranza kbira tal-konsumaturi intervistati jippreferu l-informazzjoni dwar l-orìgini fil-livell tal-pajjiżi.

Dwar ir-raġunijiet għad-domanda tal-konsumaturi għat-tikkettar tal-orìgini, hemm differenzi importanti bejn l-Istati Membri. Għal 42,8 % tal-konsumaturi intervistati tal-UE, it-tikkettar tal-orìgini jintuża sabiex jiffavorixxu l-produzzjoni nazzjonali jew lokali flok orìgini oħra tal-ikel. Għal 12,9 % tal-konsumaturi tal-UE, it-tikkettar tal-orìgini jitqies li jagħti s-serħan tal-moħħ dwar il-kwalità tal-prodott tal-ikel. L-interess ta' xi 12,8 % tal-konsumaturi tal-UE huwa xprunat minn raġunijiet marbuta mal-ambjent. It-tikkettar tal-orìgini jserraħ moħħ 10,8 % tal-konsumaturi tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel li jixtru.

Madankollu, ta' min jinnota li filwaqt li xi wħud mir-raġunijiet imsemmija hawn fuq għall-interess fl-orìgini tal-ikel jistgħu jitqiesu bħala leġittimi (eż. l-appoġġ għall-

<sup>12</sup> Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel, ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

prodotti lokali, il-karatteristiċi tal-prodott u l-kunsiderazzjonijiet ambjentali), raġunijiet oħra li ġew ikkwotati mhumiex pertinenti. Dan b'mod speċifiku meta l-oriġini hija marbuta mas-sikurezza, għax il-prodotti magħmula f'kwalunkwe post fl-UE jew importati fl-UE jridu jkunu "sikuri". Tabilħaqq, l-għan primarju tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ikel huwa li tkun żgurata s-sikurezza tal-ikel. Il-verifiki mwettqa mis-servizz tal-Kummissjoni responsabbli (l-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari) fl-Istati Membri jipprovdu biżżejjed evidenza tal-livell għoli konsistenti ta' sikurezza li tipprevedi l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. B'mod simili, il-verifiki jitwettqu fil-pajjiżi terzi sabiex jiżguraw li l-prodotti esportati jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza tal-UE.

Dwar ir-rieda tal-konsumatur li jħallas biex ikollu l-informazzjoni dwar l-oriġini, hemm evidenza mferrxa u xi kultant kontradittorja, u dan jista' jkun minħabba l-preġudizzju metodoloġiku. L-istudji preċedenti dwar kemm il-konsumaturi huma lesti li jħallsu, urew li minkejja interess għal informazzjoni partikolari, il-konsumaturi mhumiex lesti li jħallsu iżjed fuq il-prodotti biex ikollhom din l-informazzjoni<sup>13</sup>. Madankollu, l-istudju tal-FCEC jistma rieda kbira tal-konsumaturi li jħallsu għall-prodotti li jaqgħu fl-ambitu tal-istudju (+30 % għall-informazzjoni fil-livell tal-UE, +40-50 % għall-informazzjoni fil-livell tal-pajjiżi). Ta' min jinnota wkoll li hemm distakk sinifikanti bejn l-intenzjonijiet u l-imġiba reali tal-konsumaturi.

## **6. IX-XENARJI U L-MODALITAJIET TAL-ORIĠINI POSSIBBLI MARBUTA MAL-GĦOTI TAT-TIKKETAR TAL-ORIĠINI TA' IKEL MHUX IPPROĊESSAT, TA' PRODOTTI B'INGREDJENT UNIKU U TA' INGREDJENTI LI JIRRAPPREŻENTAW IKTAR MINN 50 % TA' PRODOTT TAL-IKEL**

Għall-finijiet ta' dan ir-rapport, qegħdin jiġu eżaminati x-xenarji li ġejjin:

- Xenarju 1: it-tikkettar tal-oriġini fuq bażi volontarja (*status quo*);
- Xenarju 2: it-tikkettar obligatorju tal-oriġini fuq bażi "mill-UE/mhux mill-UE" jew "mill-UE/minn pajjiż terzi";
- Xenarju 3: it-tikkettar obligatorju tal-oriġini li jindika l-Istat Membru jew il-pajjiż terzi;
- Xenarju 4: it-tikkettar obligatorju li jindika l-entitajiet ġeografiċi oħrajn (ir-reġjuni).

Fix-xenarji 2, 3 u 4, ġew studjati modalitajiet differenti għal kull wieħed mit-tliet kategoriji ewlenin tal-prodotti:

- Modalità a: il-post tal-produzzjoni: l-oriġini tkun definita fil-Kodiċi Doganali, jiġifieri l-pajjiż fejn il-prodott inkiseb kollu kemm hu jew fejn saritlu l-aħħar trasformazzjoni sostanzjali;

---

<sup>13</sup> Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-indikazzjoni obligatorja tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-post ta' provenjenza għal-laħam li jintuża bħala ingredjent (COM(2013)755).

- Modalità b: il-post tal-biedja tal-materja prima ewlenija, *jiġifieri* l-post tal-ħsad tal-frott, tal-ħaxix u taċ-ċereali, jew il-post tas-sajd għal prodotti pproċessati tas-sajd;
- Modalità c: it-tnejn ta' hawn fuq.

## **7. ANALIŻI TAL-KOSTIJET U L-BENEFIĊĠI TAX-XENARJI DIFFERENTI**

### **7.1. L-impatt marbut mal-imġiba tal-konsumaturi**

Fl-ewwel xenarju, kemm tingħata informazzjoni dwar l-orijini jiddependi fuq id-domanda mill-konsumaturi. Billi l-prezzijiet tal-ikel ma jkunux affettwati, din l-għażla tissodisfa lill-konsumaturi li qegħdin jagħtu importanza kbira lill-prezzijiet tal-ikel. Ir-regoli l-ġodda dwar l-orijini volontarja xorta waħda jevitaw li l-konsumaturi jiġu mqarrqa dwar l-orijini vera tal-ingredjent primarju tal-ikel indikat li jkun ta' orijini partikolari, għaliex kieku jkollha tiġi indikata l-orijini differenti tal-ingredjent primarju.

It-tieni xenarju jkun jissodisfa biss lill-konsumaturi jekk il-prodott jidhrilhom li huwa iktar sikur jew ta' kwalità aħjar minn ta' prodotti ta' pajjiżi li mhumiex fl-UE, u ma hemmx ċertezza dwar dan. Barra minn hekk, dan il-livell ta' tagħrif huwa ta' sikwit jitqies bħala ġeneriku wisq, u li ma jistħoqqlux il-kostijiet addizzjonali li ngħaddew fuq il-konsumaturi aħħarin, anke jekk dan il-kost addizzjonali jista' jkun inqas minn dak tat-tielet jew tar-raba' xenarju.

It-tielet xenarju mistenni li jwassal għal iktar sodisfazzjon min-naħa tal-konsumaturi, iżda jwassal ukoll għal impatt ikbar fuq il-kost tal-produzzjoni meta mqabbel mat-tieni xenarju, u għalhekk għal iktar żieda fil-prezzijiet li jkollhom iħallsu l-konsumaturi. L-impatt ta' dan it-tikkettar tal-orijini żgur li jirriżulta wkoll fi preferenza għall-prodotti nazzjonali.

Ir-raba' xenarju ma jidhirx li huwa preferibbli għall-konsumaturi meta mqabbel mal-għażla ta' indikazzjoni tal-orijini fil-livell tal-pajjiżi. Din l-għażla wkoll mistennija li twassal għal kostijiet addizzjonali ferm ikbar għall-FBO, u minħabba f'hekk, għal prezzijiet oġhla għall-konsumaturi.

### **7.2. L-impatti ekonomiċi**

Minħabba li l-FBO qajmu xi dubji dwar il-fattibbiltà tar-raba' xenarju u minħabba n-nuqqas ta' interess iktar qawwi min-naħa tal-konsumaturi meta mqabbel mat-tielet xenarju, l-impatt ekonomiku tal-ewwel tliet xenarji biss ġie rrapportat.

Peress li l-istudju jitratta firxa wiesgħa ta' kategoriji tal-ikel, ma kienx possibbli li tiġi aggregata d-dejta dwar l-impatt ekonomiku. Għalhekk, il-kwantifikazzjoni tal-impatt ekonomiku tħalliet fil-livell tal-istudji konkreti tal-każ u huwa rrapportat fl-istudju tal-FCEC.



### 7.2.1. *Il-kostijiet tal-operat tal-FBO*

Fl-ewwel xenarju, il-kostijiet tal-operat jinżammu fil-livelli ta' bħalissa. Fit-tieni u fit-tielet xenarji, l-FBO li jagħżlu oriġini waħda jew għadd limitat ta' oriġinijiet ikollhom iġarrbu l-kostijiet addizzjonali tal-operat (ta' darba u rikorrenti) minħabba l-adattamenti meħtieġa tal-prattiki tal-akkwist, tas-sistemi ta' traċċabbiltà, tal-proċess tal-produzzjoni, tal-imballaġġar u tal-prattiki tat-tqegħid fis-suq. Fit-tielet xenarju, il-kostijiet tal-operat huma stmati li jiżdienu b'10 sa 15 % għas-setturi li mhumiex jaħdmu b'għadd kbir ta' oriġini differenti, iżda f'ħafna każijiet jistgħu jilhqgħu t-30 %.

Xi wħud minn dawn il-kostijiet jistgħu jittaffew jekk jintgħażel it-tieni xenarju, jew jekk it-tielet xenarju jiġi applikat flimkien mal-possibbiltà li jiġu tikkettati diversi pajjiżi (billi jitħallew taħlitiet ta' oriġini fi prodott partikolari, jew billi jitħalla wkoll it-tikkettar ta' oriġini differenti li jista' jkun hemm iktar tard matul il-produzzjoni). L-FBO wkoll jistmaw li l-modalità li tirrikjedi t-tikkettar tal-post tal-produzzjoni b'mod ġenerali tiswa inqas mit-tikkettar tal-post tal-biedja, minħabba li hemm inqas postijiet tal-produzzjoni meta mqabbel mal-għadd ta' oriġini tal-materja prima u minħabba li s-sistema ta' traċċabbiltà meħtieġa hija inqas estensiva.

### 7.2.2. *L-impatt fuq is-suq intern u fuq il-kummerċ internazzjonali*

Fit-tieni xenarju, huwa mistenni li s-suq intern ma jkunx affettwat, peress li x-xenarju ma jiddistingwix bejn l-oriġini tal-prodotti tal-Istati Membri. Madankollu, skont ir-reazzjoni tal-konsumaturi għal tikketta tal-UE jew mhux tal-UE kif ukoll skont l-adattament tal-prattiki tal-akkwist tal-FBO, il-kummerċ internazzjonali jista' jkun affettwat, li għaldaqstant iqajjem il-kwistjoni tal-ftehimiet kummerċjali internazzjonali li jeżistu għal uħud mill-prodotti koperti mill-istudji, bħaz-zokkor. Il-pajjiżi terzi saħqu wkoll fuq it-tħassib tagħhom dwar it-telf potenzjali ta' esportazzjonijiet lejn l-UE, minħabba l-kostijiet addizzjonali tal-produzzjoni u tat-tikkettar, u wkoll minħabba li huwa mbassar li l-FBO tal-UE jxaqilbu lejn il-fornituri tal-UE.

It-tielet xenarju, minbarra l-impatt fuq il-kummerċ internazzjonali li jixbah lil dak tat-tieni xenarju, jissogra li jkollu impatt fuq is-suq intern, bil-possibbiltà ta' nazzjonalizzazzjoni tal-katini tal-provvista tal-ikel, peress li kważi nofs il-konsumaturi li wieġbu indikaw li jkunu jippreferu prodotti minn pajjiżhom. F'dan ix-xenarju, għalkemm il-prodotti tal-UE jistgħu jibbenefikaw mill-preferenza tal-konsumaturi fis-suq tal-UE, il-piż u r-riġidità addizzjonali tal-prattiki tal-akkwist jippenalizzaw lill-FBO tal-UE fis-suq internazzjonali.

### 7.2.3. *Il-piż amministrattiv fuq in-negozji*

L-FBO li jaħdmu b'materja prima minn oriġini differenti, ikollhom piż amministrattiv addizzjonali minħabba r-reġistrazzjonijiet tal-oriġini għall-provvisti tal-kunsinni u għall-adattament tas-sistema ta' traċċabbiltà. Il-kostijiet fissi jkunu jirrappreżentaw parti importanti mill-piż addizzjonali u jkunu jippenalizzaw ħafna iktar lill-SME. Dawk l-SME biss li jakkwistaw materja prima b'oriġini waħda jew b'għadd limitat ta' oriġini ma jkunux ippenalizzati.

L-ewwel xenarju jirriżulta f'piż amministrattiv negliġibbli u li jġarrbuh biss in-negozji li jipprovdu l-orìgini tal-ikel aħħari u fejn dik l-orìgini tkun differenti mill-ingredjent(i) primarju/i. Huwa stmat li l-piż totali jkun inqas fit-tieni xenarju meta mqabbel mat-tielet xenarju, u inqas għall-modalità a meta mqabbla mal-modalità b.

#### 7.2.4. *Il-piż addizzjonali fuq l-awtoritajiet pubbliċi*

Għall-awtoritajiet pubbliċi, l-istima mill-Istati Membri taż-żieda fil-kostijiet tal-kontrolli hija diverġenti ħafna. Skont l-ipoteżi li l-finanzjament allokat lill-awtoritajiet tal-kontroll mill-baġits tal-istat ma jiżdiedx, dawn ir-regoli l-ġodda jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-frekwenza tal-kontrolli jew għal bidla fil-prijoritajiet, li flimkien man-nuqqas ta' metodu analitiku biex l-orìgini tal-ikel tiġi vverifikata, jistgħu jsarrfu f'riskju ikbar ta' frodi.

#### 7.2.5. *Il-kostijiet għall-konsumaturi*

L-għoti tal-informazzjoni dwar l-orìgini huwa mistenni li jwassal għal kostijiet oġhla, li żgur jiġu mgħoddija prinċipalment fuq il-konsumaturi (abbażi tal-istudju tal-FCEC). Skont dan l-istudju, l-importanza ta' dawn iż-żidiet fil-kostijiet tvarja minn żieda fil-kostijiet mhux sinifikanti għal żieda kbira, skont x'ikun l-ikel, is-settur tal-ikel, iżda wkoll skont l-Istat Membru.

Mhuwiex probabbli li l-ewwel xenarju jirriżulta f'żieda ġenerali fil-prezzijiet. Il-prodotti li jkollhom l-informazzjoni volontarja dwar l-orìgini biss jistgħu jiġu potenzjalment affettwati.

It-tieni u t-tielet xenarju x'aktarx li jirriżultaw f'żieda ġenerali fil-prezz għall-konsumatur, u minn dawn, it-tielet xenarju jkollu żieda ferm oġhla. Għalhekk, it-tielet xenarju — u kemxejn inqas it-tieni xenarju — jista' jsarraf fi tnaqqis fil-konsum ta' prodotti tal-ikel fl-ambitu tar-rapport jekk iż-żieda fil-prezz tkun sostanzjali, jew għal baġit oġhla tal-konsumaturi li jkun iddedikat għax-xiri ta' dawn il-prodotti tal-ikel, li spiss jistgħu jkunu prodotti bażiċi tal-ikel.

Ta' min jinnota wkoll li fit-tielet xenarju, in-nazzjonalizzazzjoni tal-katina tal-ikel jista' jkollha impatt fuq l-impjiegi minħabba l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-katina tal-produzzjoni tal-ikel, b'impatti pożittivi f'ċerti każijiet u b'impatti negattivi f'oħrajn.

#### 7.2.6. *L-impatt ambjentali*

L-introduzzjoni ta' regoli obbligatorji għall-informazzjoni dwar l-orìgini tista' tirriżulta f'iktar ħela tal-ikel u f'inqas effiċjenza fl-użu tal-enerġija minħabba t-tkattir ta' linji tal-produzzjoni jew ta' lottijiet tal-produzzjoni, minħabba t-tkattir ta' prodotti distinti tal-ikel (Unitajiet taż-Żamma tal-Inventarji) fis-suq tal-UE, u minħabba t-tkattir ta' kanali ta' distribuzzjoni meħtieġa sabiex dawn jitqassmu. Dan l-impatt ikun ħafna iktar evidenti fit-tielet xenarju meta mqabbel mat-tieni xenarju, filwaqt li l-ewwel xenarju ma jkollu l-ebda impatt, jew ikollu impatt minimu.

Madankollu, it-tieni u t-tielet xenarji jistgħu jipprovdu inċentiv biex jiġu kkunsmati l-prodotti li jkunu manifatturati iktar lokalment, u dan jista' jkollu impatt pożittiv fuq l-ambjent billi jiġi limitat it-tniġġis potenzjali mit-trasport.

### 7.3. Il-kostijiet u l-benefiċċji tax-xenarji differenti

It-tabella ta' hawn taħt tagħti sommarju tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi tax-xenarji differenti tal-orijini.

Ix-xenarji		L-impatt fuq il-konsumaturi abbażi tal-istudju tal-FCEC	L-impatti ekonomiċi abbażi tal-istudju tal-FCEC
Xenarju 1 — Iż-żamma tal-orijini volontarja	Kostijiet	Ma jiggarantix li l-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni dwar l-orijini b' mod sistematiku	Il-kostijiet operatorji addizzjonali jinżammu għal-livell minimu  Ikun hemm piż amministrattiv limitat fuq in-negozji u fuq l-awtoritajiet pubbliċi  Ebda żidiet, jew żidiet limitati fil-prezzijiet
	Benefiċċji	Il-prezzijiet tal-ikel jinżammu fil-livelli ta' bħalissa, għajr f' dawk il-każijiet fejn jiġi applikat it-tikkettar volontarju u fejn l-orijini tal-ingredjenti primarju tkun differenti  Il-konsumaturi li ma jagħtu l-ebda importanza speċifika għall-orijini ma jkollhomx iġarrbu l-kostijiet addizzjonali marbuta mal-orijini  Il-konsumaturi li huma interessati li jsiru jafu l-orijini jistgħu jagħżlu li jixtru l-prodotti li jkollhom din l-informazzjoni	Ma jwassalx għas-segmentazzjoni tas-suq intern u għalhekk il-kummerċ fi ħdan l-UE ma jiġix affettwat  In-nuqqas ta' piż addizzjonali jippermetti li tinżamm il-kompetittività tal-FBO tal-UE fis-suq internazzjonali
Xenarju 2 — It-tikkettar obligatorju tal-orijini fil-livell tal-UE/mhux tal-UE jew tal-pajjiżi terzi	Kostijiet	L-informazzjoni dwar l-orijini li tkun mogħtija ma tkunx informattiva biżżejjed, peress li tkun wisq ġenerali  L-informazzjoni tista' tqanqal iktar mistoqsijiet dwar l-orijini iktar preċiżi tal-ikel, anke fost il-konsumaturi li qabel ma kinux ħasbu li jitolbu din l-informazzjoni, u għaldaqstant dan iwassal għal ċertu frustrazzjoni  Il-kostijiet addizzjonali tal-orijini x'aktarx li jiġu mgħoddija fuq il-konsumaturi	L-FBO jġarrbu ċerti kostijiet operatorji, minħabba l-adattamenti tal-katina tal-provvista u tal-produzzjoni  Fil-biċċa l-kbira tas-setturi, dawn il-kostijiet huma stmati minn ammont negliġibbli sa ammont moderat għall-modalità a, u minn ammont moderat sa ammont għoli għall-modalitajiet b u c  Ikun hemm piż amministrattiv addizzjonali fuq in-negozji u fuq l-awtoritajiet pubbliċi, iżda inqas minn tat-tielet xenarju
	Benefiċċji	Jiggarantixxi li l-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni dwar l-	Huwa iktar flessibbli għall-prattiki tal-akkwist meta mqabbel mat-tielet xenarju

Ix-xenarji		L-impatt fuq il-konsumaturi abbażi tal-istudju tal-FCEC	L-impatti ekonomiċi abbażi tal-istudju tal-FCEC
		<p>oriġini b' mod sistematiku</p> <p>Jista' jitqies b'halha tikketta tal-kwalità u tas-sikurezza tal-ikel</p>	<p>B' tikketta rikonoxxuta tal-UE tal-kwalità u tas-sikurezza tal-ikel, dan jista' jikkontribwixxi biex il-prodotti tal-ikel tal-UE jkunu f'pożizzjoni aħjar fil-kummerċ internazzjonali</p>
Xenarju 3 — It-tikkettar obligatorju tal-oriġini fil-livell tal-Istat Membri/tal-pajjiżi terzi	Kostijiet	<p>L-impatt tal-prezzijiet tal-prodotti aħħarija jkun ferm ogħla minn tat-tieni xenarju</p> <p>Dan jista' jkollu impatt fuq il-baġit li l-konsumaturi jiddedikaw għall-ikel tagħhom, minħabba li ħafna prodotti jkunu fil-kamp tal-applikazzjoni tar-rekwiżit legali</p>	<p>L-FBO kollha jġarrbu ċerti kostijiet tal-operat minħabba l-irduppjar tal-faċilitajiet tal-ħażna, il-frammentazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni, is-sistemi ta' traċċabbiltà iktar kompluti u l-bidliet fit-tikketti</p> <p>Skont l-istudju tal-FCEC, iż-żidiet fil-kostijiet tal-operat huma stmati minn 10 sa 15 % għas-setturi li mhumiex jaħdmu b'għadd kbir ta' oriġini differenti, iżda jistgħu jilhq 30 % f'ħafna każijiet</p> <p>Il-piż amministrattiv fuq l-FBO u l-awtoritajiet tal-kontroll ikun ogħla minn tat-tieni xenarju</p> <p>Dan jirriżulta f' iktar segmentazzjoni tas-suq għas-setturi differenti tal-ikel, fin-nazzjonalizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-ikel u f'inqas kompetittività fis-suq internazzjonali</p>
	Benefiċċji	<p>Jiggarantixxi li l-konsumaturi jingħataw l-informazzjoni dwar l-oriġini b' mod sistematiku</p> <p>Itejjeb il-fiduċja tal-konsumaturi fl-ikel.</p>	<p>Jista' jixpruna ċertu bejgħ domestiku minħabba in-nazzjonaliżmu tal-ikel</p>
Xenarju 4 — It-tikkettar obligatorju tal-oriġini f'livell iktar baxx (ir-reġjuni)		<p>Il-konsumaturi ma wrewx iktar interess f'dan ix-xenarju milli wrew fit-tielet xenarju</p>	<p>Impatt akbar meta mqabbel mat-tielet xenarju</p>

## 8. IL-KONKLUŻJONIJIET

Fir-rigward tal-fatturi li jaffettwaw id-deċiżjonijiet tal-konsumaturi fix-xiri, l-interess tal-konsumaturi fit-tikkettar tal-oriġini, jiġi wara l-prezz, it-togħma, id-data “uża sa”/“l-aħjar qabel”, il-konvenjenza u/jew l-aspetti tad-dehra. Anke jekk l-interess tal-konsumaturi fit-tikkettar tal-oriġini ta' ikel mhux ipproċessat, ta' prodotti b'ingredjent uniku, u ta' ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel ikun iddikjarat minn bejn żewġ terzi sa tliet kwarti tal-konsumaturi, dan huwa inqas meta mqabbel mal-interess fit-tikkettar ta' kategoriji tal-ikel bħalma huma l-laħam, il-prodotti tal-laħam jew il-prodotti tal-ħalib.

Il-konsumaturi jorbtu l-informazzjoni dwar l-oriġini ma' aspetti varji tal-prodotti, bħalma huma l-kwalità, is-sikurezza u t-tħassib dwar l-ambjent, u jiddikjaraw ukoll li huma jixtru l-prodotti nazzjonali biex jappoġġjaw l-ekonomija ta' pajjiżhom, b'differenzi importanti fost l-Istati Membri. Huma jippreferu l-informazzjoni dwar l-oriġini fil-livell tal-pajjiżi meta mqabbel mal-livell tal-UE/mhux tal-UE u jidher li huma iktar interessati fil-post tal-produzzjoni meta mqabbel mal-post tal-biedja tal-materja prima.

L-ikel mhux ipproċessat, il-prodotti b'ingredjent uniku, u l-ingredjenti li jirrappreżentaw iktar minn 50 % ta' prodott tal-ikel huma kategoriji tal-ikel li jinkludu prodotti differenti ħafna. Fir-rigward ta' dawn il-prodotti, l-interess tal-konsumaturi fl-informazzjoni dwar l-oriġini u l-impatt ekonomiku jekk jiġi impost it-tikkettar obligatorju tal-oriġini jvarja ħafna.

Il-katini tal-provvista għat-tliet kategoriji ta' ikel fl-ambitu tar-rapport juru li l-oriġini tal-ingredjenti tvarja b'mod frekwenti biex il-prezzijiet tax-xiri jinżammu baxxi u biex tinżamm il-kwalità tal-prodott aħħari. Għalhekk, it-tikkettar obligatorju tal-oriġini fil-livell tal-UE u saħansitra iktar fil-livell tal-pajjiżi huwa ferm kumpless biex jiġi implimentat f'ħafna oqsma tal-ikel, u jwassal għal żidiet sostanzjali fil-kostijiet tal-produzzjoni, li fl-aħħar mill-aħħar jiġu mgħoddija fuq il-konsumaturi.

It-tikkettar tal-oriġini fuq bażi volontarja jkun dak li l-inqas ifixkel is-suq u li jżomm il-kost tal-prodotti fil-livelli ta' bħalissa. Dan ma jagħtix soluzzjoni sodisfaċenti għat-talba tal-konsumaturi li jingħataw l-informazzjoni b'mod sistematiku dwar l-oriġini, iżda l-konsumaturi jistgħu, jekk jixtiequ, jagħżlu li jixtru l-prodotti tal-ikel li fuqhom l-informazzjoni dwar l-oriġini tkun ingħatat volontarjament mill-operaturi fin-negozju tal-ikel. It-tikkettar obligatorju tal-oriġini fil-livell tal-UE (“mill-UE/mhux mill-UE” jew “mill-UE/minn pajjiż terz”) iwassal għal żidiet inqas importanti fil-kost tal-produzzjoni, għal inqas piż kemm għall-operaturi fin-negozju tal-ikel kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, iżda s-sodisfazzjon tal-konsumaturi ma jkunx għoli daqs tat-tikkettar obligatorju tal-oriġini fil-livell tal-pajjiżi. Għad-differenza tat-tikkettar tal-oriġini fil-livell tal-UE, it-tikkettar tal-oriġini fil-livell tal-pajjiżi jkollu impatt importanti fuq is-suq intern, b'żieda possibbli fil-konsum tal-prodotti lokali tal-ikel għal ċerti swieq.

Iż-żewġ xenarji tat-tikkettar obligatorju tal-oriġini fil-livell tal-UE u tal-pajjiżi jistgħu jkollhom impatt fuq il-provvisti internazzjonali tal-ikel u jinterferixxu mal-ftehimiet kummerċjali eżistenti mal-pajjiżi terzi. Ir-regoli addizzjonali tat-tikkettar jistgħu jnaqqsu l-kompetittività tal-operaturi tal-UE fin-negozju tal-ikel fis-suq

internazzjonali, filwaqt li l-operaturi fin-negozju tal-ikel minn pajjiżi terzi huma mħassbin dwar il-kostijiet addizzjonali potenzjali tal-produzzjoni u t-telf ta' esportazzjonijiet lejn l-UE minħabba li l-konsumaturi jkunu jippreferu il-prodotti tal-ikel li joriġinaw mill-UE.

Fl-aħħar nett, it-tikkettar obligatorju tal-orijini jkun jirrappreżenta piż addizzjonali fuq l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari fl-ambjent ekonomiku ta' bħalissa, jekk dawn ikollhom il-ahħqu ma' kompiti ġodda possibbli ta' kontroll imposti minħabba dawn ir-rekwiżiti addizzjonali.

F'dan l-isfond u fid-dawl tal-politiki tal-Kummissjoni fir-rigward ta' regolamentazzjoni aħjar, it-tikkettar volontarju tal-orijini flimkien mar-reġimi ta' tikkettar obligatorju tal-orijini li diġà jeżistu għal ikel speċifiku jew għal kategoriji speċifiċi tal-ikel, jidher li huwa l-għażla xierqa. Dan jibqa' jżomm il-prezzijiet tal-bejgħ fil-livelli ta' bħalissa u xorta jippermetti lill-konsumaturi jagħżlu prodotti ta' orijini speċifika, jekk ikunu jridu, filwaqt li ma jaffettwax il-kompetittività tal-operaturi fin-negozju tal-ikel u ma jkollux impatt fuq is-suq intern u fuq il-kummerċ internazzjonali.